

# L-Għanja tar-Rebbiegħa

Anthony Fenech

Meta x-xemx ħamranija titbissem
Mis-smewwiet lejn il-baħar flimkien
Meta l-art ħadranija tissebbaħ
Bl-isbaħ fjuri li jsebbħu l-widien!

Tisma' l-għana sabiħ tal-għasafar
X'ħin jittajru fuq siġar u għoljiet
Tara l-ħajja mill-ġdid qed tinbidel
U tmur lura għall-ħemda u skiet!

Jibda r-raba' jitħammar bis-silla
Ma' tant ħlejjaq jittajru f'kull ġnien
Tal-werżieq l-għanja tisma' bikrija
U n-natura tissebbaħ bil-ġmiel!

Hekk narak ja Rebbiegħa wisq sabiħa
Raġġ ta' tama għaż-żmien li ġej
Għax int xbieha ta' min lilek ħalaq
Inti għaxqa u ħolqien tal-Mulej!

Mela nħallu lil ruħna tingħaqad
Ma' dak sidha ħallieq ta' kull żmien
Ismu nbierku kemm issa u dejjem
Għax hu l-bidu, illum u l-ġejjien!

Ma nkunux għalhekk b'qalbna iebsa
Ejja nfaħħru l-għemil tal-Mulej
U nitgħaxxqu b'dak kollu li ħalaq
Nimxu warajk fl-isbaħ żmien illi ġej!

Ta' Rebbiegħa li hu jsaltan f'Saltnatu
Fejn hemm hena għal żmien infinit
Hemm it-tama għal min warajh jimxi
Hemm il-paċi u sliem li r-ruħ trid!

aġenzija żgħażagħ

L-Għaqda Mużikali Imperial tilqa' applikazzjonijiet
għat-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas
f'dawn il-kategoriji:

• Teorija tal-Mużika
• Strumenti tal-Injam
• Strumenti tar-Ramm
• Strumenti tal-Perkussjoni

Email: **info@imperialbandclub.com**